



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 25 ta' Settembru 2020
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0262(COD)

11188/20
ADD 3

SOC 563
EMPL 410
SAN 326
IA 66
CODEC 883

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2020) 184 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' HĦDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL- IMPATT Li jakkumpanja d-dokument Proposta għal DIRETTIVA TAL- PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2004/37/KE dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal- espożizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument SWD(2020) 184 final.

Mehmuż: SWD(2020) 184 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.9.2020
SWD(2020) 184 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva 2004/37/KE dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol

{COM(2020) 571 final} - {SEC(2020) 302 final} - {SWD(2020) 183 final}

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv
Valutazzjoni tal-impatt dwar il-Proposta għal Direttiva li temenda d-Direttiva 2004/37/KE dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol.
A. Il-ħtieġa li tittieħed azzjoni
Għaliex? X'inhi l-problema li qed tiġi indirizzata?
L-espożizzjoni tal-ħaddiema għall-karċinoġeni u għall-mutaġeni tirrappreżenta riskju sinifikanti għas-saħħa tal-ħaddiema. Skont l-EU-OSHA¹, 52 % tal-imwiet relatati mal-post tax-xogħol annwali fl-UE huma attribwiti għall-kanċer. Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni qed tkompli l-proċess tagħha ta' aġġornament tad-Direttiva dwar il-Karċinoġeni u l-Mutaġeni (CMD)² billi tipproponi dan ir-raba' lott ta' limiti ta' espożizzjoni fuq il-post tax-xogħol (Occupational Exposure Limits, OELs) addizzjonali. Dan huwa konformi mas-CMD, li teħtieġ li jiġu stabbiliti l-OELs għal dawk il-karċinoġeni u l-mutaġeni kollha li għalihom dan huwa possibbli fid-dawl tal-informazzjoni disponibbli. Bħalissa aktar minn miljun (1) ħaddiem tal-UE huma esposti għat-tliet sustanzi indirizzati f'din l-inizjattiva, jiġifieri l-akrilonitril, il-komposti tan-nikil u l-benżen. F'każ li ma tittieħed l-ebda azzjoni fil-livell tal-UE, l-espożizzjoni fuq il-post tax-xogħol għal dawn it-tliet sustanzi jwassal għal kważi 2 000 każ ta' mard tal-kanċer u ta' mard ieħor relatat mal-post tax-xogħol tul is-60 sena li ġejjin.
X'mistennija tikseb din l-inizjattiva?
L-oġġettiv ġenerali ewlieni ta' din l-inizjattiva huwa li jissaħħaħ aktar id-dritt tal-ħaddiema għal livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tagħhom fuq il-post tax-xogħol u li tiġi evitata l-mewt ikkawżata mill-kanċer relatat mal-post tax-xogħol u minn problemi tas-saħħa oħrajn ikkawżati minn dawn it-tliet sustanzi. Sabiex jiġi appoġġat dan l-oġġettiv ġenerali, din l-inizjattiva se ssegwi tliet oġġettivi speċifiċi: • Titjib akbar fil-protezzjoni mill-espożizzjoni fuq il-post tax-xogħol fl-UE għall-karċinoġeni u għall-mutaġeni; • Żieda fl-effettività tal-qafas ġuridiku tal-UE billi dan jiġi aġġornat fuq il-bażi tal-għarfien espert xjentifiku; • Aktar ċarezza assicurata, billi tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni u billi jingħata kontribut favur kundizzjonijiet ekwi aħjar għall-operaturi ekonomiċi bl-adozzjoni ta' rekwiżiti minimi fil-livell tal-UE.
X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE?
L-istabbiliment tal-OELs għodda jew riveduti fis-CMD se jippermetti li jiġi żgurat livell minimu simili ta' protezzjoni għall-ħaddiema madwar l-UE. Fil-fatt, fin-nuqqas ta' OELs madwar l-UE, bħal fil-każ tal-komposti tan-nikil u tal-akrilonitril, uħud mill-Istati Membri ma stabbilew l-ebda OEL nazzjonali u lanqas ma adottaw livelli differenti ħafna, u dan iwassal għal differenzi kbar f'termini tal-protezzjoni tal-ħaddiema mill-espożizzjoni għal dawn is-sustanzi. Fir-rigward tal-benżen, anki jekk jeżisti OEL tal-UE, il-protezzjoni tal-ħaddiema tvarja minħabba li wħud mill-Istati Membri adottaw OEL nazzjonali aktar baxx. Minbarra dan, il-livell minimu ta' protezzjoni simili madwar l-UE, din l-inizjattiva se tiċċara u ttejjeb ukoll l-infurzar, tikkontribwixxi għal kundizzjonijiet ekwi aħjar għall-atturi ekonomiċi fis-setturi li jużaw dawk is-sustanzi u tevita kwalunkwe duplikazzjoni tax-xogħol billi telimina l-ħtieġa li l-Istati Membri jwettqu l-analiżi xjentifika tagħhom stess biex jiġu stabbiliti l-OELs.
B. Soluzzjonijiet
X'għażliet ta' politika leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi ġew ikkunsidrati? Hemm għażla ppreferuta jew le? Għaliex?
Diversi għażliet twarrbu minħabba li tqiesu sproporzjonati jew inqas effettivi sabiex jintlaħqu l-oġġettivi ta' din l-inizjattiva. Fost dawn l-għażliet insibu l-projbizzjoni tal-użu tal-aġenti kimiċi karċinoġeniċi fuq il-post tax-xogħol, strumenti bbażati fuq is-suq (sussidji, ħelsien mit-taxxa, eċċ.), awtoregolazzjoni tal-industrija u dokumenti ta' gwida.

¹ EU-OSHA (2017), Tqabbil internazzjonali tal-kost ta' aċċidenti u mard relatati max-xogħol, disponibbli fuq: <https://osha.europa.eu/mt/publications/international-comparison-cost-work-related-accidents-and-illnesses/view>

² Id-Direttiva 2004/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol. Disponibbli fis-sit web li ġej: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:32004L0037>

L-istabbiliment tal-OELs ġodda jew riveduti madwar l-UE fis-CMD tqies bħala l-aktar għażla xierqa. Ġew ivvalutati diversi xenarji tal-OELs, fosthom l-OELs miftiehma mill-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (ACSH), li jqisu r-rakkomandazzjonijiet xjentifiċi kif ukoll kwistjonijiet soċjoekonomiċi u ta' fattibbiltà. L-ACSH huwa magħmul minn rappreżentanti tal-Gvernijiet, tal-Impjegaturi u tal-Ħaddiema. Minbarra l-OELs miftiehma mill-ACSH, ġew ikkunsidrati xenarji ta' valur limitu aktar baxx u ta' valur limitu ogħla għal kull sustanza.

Abbażi ta' valutazzjoni tal-impatt bir-reqqa, l-OELs irrakkomandati mill-ACSH inżammu bħala l-għażliet ippreferuti peress li dawn jirrappreżentaw l-aqwa xenarji f'termini ta' effettività, ta' effiċjenza u ta' koerenza. Dawn l-għażliet miżmuma huma wkoll ikkunsidrati bħala komplementari għall-miżuri REACH eżistenti għal kull sustanza.

Liema għażla u min jappoġġaha?

Fil-qafas tal-proċedura formali ta' konsultazzjoni f'żewġ stadji, is-Sħab Soċjali jappoġġaw il-lista ta' sustanzi li għandhom jiġu indirizzati fir-raba' emenda tas-CMD.

Ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet, tal-Impjegaturi u tal-Ħaddiema fi ħdan l-ACSH jappoġġaw l-għażliet ippreferuti kollha, inkluż il-perjodi tranżizzjonali proposti sabiex jittaffew l-isfidi tekniċi jew ekonomiċi għall-impjegaturi fir-rigward tat-tliet sustanzi.

C. L-Impatti tal-għażla ppreferuta

X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?

Il-benefiċċji ewlenin li jirriżultaw mill-għażliet ippreferuti għat-tliet sustanzi jikkonsistu fil-kontribuzzjoni għall-protezzjoni ta' aktar minn 1 000 000 ħaddiem billi jiġu evitati aktar minn 1 700 każ ta' mard relatat mal-post tax-xogħol tul is-60 sena li ġejjin, inkluż il-kanċer. Dan it-tnaqqis ta' mard relatat mal-post tax-xogħol se jwassal fost l-oħrajn, għal inqas tbatija tal-ħaddiema u tal-familji tagħhom u għal ħajja tax-xogħol itwal għalihom, li tkun ta' kwalità u ta' produttività akbar.

L-għażliet ippreferuti se jġibu wkoll benefiċċji għan-negozju billi jnaqqsu l-assenteiżmu, it-telf fil-produttività u l-pagamenti tal-assigurazzjoni għal ammont stmat ta' EUR 7 miljun tul is-60 sena li ġejjin. Il-benefiċċji stmati għan-negozju ma jintegrawx ċerti vantaġġi bħaċ-ċarezza ġuridika mtejbja. L-awtoritajiet pubbliċi se jibbenefikaw ukoll minn dawn l-għażliet ippreferuti billi se jwasslu fost l-oħrajn għal tnaqqis fil-kostijiet tal-kura tas-saħħa. Il-benefiċċji għall-awtoritajiet pubbliċi kienu ġew stmati għal EUR 5 miljun tul is-60 sena li ġejjin.

Minbarra dawn il-benefiċċji ekonomiċi u soċjali, l-għażla ppreferuta għall-benżen f'ċerti setturi, se twassal għal tnaqqis fl-emissjonijiet li jaħarbu jew li jiġu diffużi, li se jkollu impatti pożittivi fuq l-ambjent. Jenħtieġ li l-għażliet ippreferuti għall-akrilonitril u għall-komposti tan-nikil ma jkollhomx impatti ambjentali pożittivi jew ikollhom impatti limitati ħafna.

Għal kemm jammontaw il-kostijiet tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?

Il-kumpaniji se jkollhom jagħmlu investimenti sabiex jikkonformaw mal-għażliet ippreferuti kif ukoll jonfqu riżorsi addizzjonali biex jimmonitorjaw l-espożizzjoni, li se jinvolvu kostijiet tal-operat. Huwa stmat li dawn il-kostijiet jistgħu jilħqu EUR 14 biljun tul is-60 sena li ġejjin. Madankollu, jenħtieġ li dawn il-kostijiet ikunu sostenibbli għall-maġġoranza tan-negozji meta mqabbla mal-fatturat tagħhom. Barra minn hekk, ġew inklużi miżuri tranżizzjonali fil-pakkett tal-għażliet ippreferuti sabiex jittaffew l-isfidi għall-impjegaturi iżda wkoll biex jiġi evitat telf ta' impjegi.

Għalkemm il-kumpaniji jistgħu jiddeċiedu li jgħaddu ż-żidiet fil-kostijiet f'xi każijiet speċifiċi ħafna, mhux se jkun hemm impatti jew ikun hemm impatti limitati ħafna f'termini tal-prezzijiet għall-konsumaturi.

L-awtoritajiet pubbliċi se jkollhom jinvestu l-flus meta jittrasponu dawn l-għażliet ippreferuti fil-leġiżlazzjoni tagħhom stess. Huwa stmat li l-kostijiet tat-traspożizzjoni jistgħu jilħqu EUR 2,5 miljun.

Kif se jintlaqtu n-negozji, l-SMEs u l-mikrointrapriżi?

Il-pakkett tal-għażliet ippreferuti se jinvolvi kostijiet tal-operat għall-kumpaniji, li se jkollhom idañhlu fis-seħħ miżuri protettivi addizzjonali, ikun xi jkun id-daqs tagħhom. Madankollu, meta mqabbla mal-fatturat annwali, dawn l-investimenti mistennija li jkunu sostenibbli għat-tliet sustanzi.

Filwaqt li l-kumpaniji li jużaw l-akrilonitril huma prinċipalment kumpaniji kbar, l-SMEs jirrappreżentaw proporzjon kbir tal-industriji rilevanti li jużaw il-komposti tan-nikil u l-benżen. Għas-sustanzi kollha kkunsidrati f'din l-inizjattiva, l-investimenti meħtieġa għall-SMEs se jirrappreżentaw sehem żgħir tal-fatturat tal-SMEs tul is-60 sena li ġejjin. Huwa biss għadd żgħir ħafna ta' SMEs ikkonċernati mill-użu tal-komposti tan-nikil li jistgħu jiffaċċaw xi diffikultajiet biex jikkonformaw mal-għażla ppreferuta. Għal dik ir-raġuni, ġew inklużi perjodi tranżizzjonali li għandhom l-għan li jtaffu l-isfidi fil-pakkett tal-għażliet ippreferuti għas-sustanzi kollha.

Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?

Huwa possibbli li l-awtoritajiet tal-infurzar iġarrbu kostijiet amministrattivi u kostijiet tal-infurzar addizzjonali. Madankollu, mhuwiex mistenni li dawn il-kostijiet ikunu sinifikanti. L-għażla miżmuma għandha tikkontribwixxi wkoll biex jitnaqqas it-telf finanzjarju tas-sistemi tas-sigurtà soċjali u tal-kura tas-saħħa tal-Istati Membri billi tipprevjeni l-mard. Il-benefiċċji għall-awtoritajiet pubbliċi (kważi EUR 5 miljun) huma mistennija li jkunu ogħla mill-kostijiet (kważi EUR 2,5 miljun).

Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?

Il-pakkett tal-għażliet ippreferuti se jillimita l-ambitu għad-diverġenzi bejn l-Istati Membri, li se jikkontribwixxi għal kundizzjonijiet ekwi u jtejjeb aktar il-funzjonament tas-suq intern. Dawn l-għażliet ippreferuti se jkollhom ukoll impatt pożittiv fuq id-drittijiet fundamentali, speċjalment fir-rigward tal-Artikolu 2 (Id-dritt għall-ħajja) u l-Artikolu 31 (Id-dritt għal kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u xierqa li jirrispettaw is-saħħa, is-sigurtà u d-dinjità tiegħu/tagħha) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

D. Segwitu

Meta se tiġi riveduta l-politika?

L-effettività tar-reviżjoni proposta tas-CMD se titkejjel fil-qafas tal-evalwazzjoni tad-Direttivi tal-UE dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-post tax-Xogħol kif previst fl-Artikolu 17a tad-Direttiva 89/391/KEE. Huwa ssuġġerit li jsir użu mill-eżerċizzju ta' evalwazzjoni rilevanti li jmiss, wara t-tmiem tal-perjodu ta' traspożizzjoni.